Newspaper Post

# Żminijietna

żminijietna
leħen ix-xellug

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 32 Ottubru - Diċembru 2016 40c

## *Intervista ma' Marcel Gomez fuq il-prodotti li nikkonsmaw.*

Żminijietna – Leħen ix-Xellug qed twassal il-qarrejja ntervista ma' Marcel Gomez, Brażiljan li jaħdem ma' organizazzjoni fil-Brażil sabiex jiġi miġġieled l-iskjavitu. *(Din l-intervista saret ftit qabel ma seħħ "il-kolp ta' stat fil-Parlament" fuq il-President Xellugi Dilma Rousseff li kienet ġiet eletta demokratikament fl-2011 u l-2015. Il-pajjiż llum qed jitmexxa mill-Oppożizzjoni leminija fejn Mercel Temer ħa tmexxija tal-pajjiż f'idejh, huwa l-'Acting President' sakemm isiru l-elezzjonijiet il-ġodda).*

L-isfruttament tal-ħaddiema hi mifruxa ħafna f'diversi setturi fil-Brażil, speċjalment f'dak agrikolu u agro-business, li finalment din il-kwistjoni tirrelata ħafna magħna għax għandha x'taqsam ħafna ma' dak li aħna nikkonsmaw ta' kuljum.

Marcel Gomez kien il-mistieden ewlieni f'ġimgħa ta' attivitajiet li ġew organizzati mil-Friends of the Earth Malta, bil-kollaborazzjoni tal-Koperattiva Kummerċ Ġust. Il-ġimgħa ta' attivitajiet ġarret l-isem ta' 'Fruit Week', bil-għan li jiġi promoss f'Malta l-Kummerċ Ġust; titqajjem kuxjenza fuq il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fid-dinja u l-kwistjoni ambjentali. Wieħed jista' jkompli jsegwi l-intervista f'paġna 4.

### *Ġewwa...*

- *L-Editorjal*
- *L-Intelletwali Xellugin* - *Alfred Consiglio*
- *Seminar ta' ġurnata dwar Prekarjetá* - *GWU Youths*
- *Intervista - L-isfruttament ta' Ħaddiema fil-Brażil* - *Kelliem Marcel Gomez*
- *Ix-xellug fl-Ewropa jew jingħaqad jew se jitlef.*
- *The Invisible Homeless* - *Maryanne Zammit*

# Ġustizzja Soċjali mhux Karità

*F'Malta 16.3% huma f'riskju ta' faqar, filwaqt li 22.4% huma f'riskju ta' esklużjoni soċjali.*

Minkejja li l-ekonomija f'Malta kibret b'rata qawwija fl-aħħar sentejn konsekuttivi, l-eżerċizzju riċenti tal-Caritas juri li għad għandna faxxa mdaqqsa ta' ċittadini jgħixu f'riskju jew qrib il-faqar. Dan ifisser li l-progress kbir ekonomiku għadu mhux jasal b'sehem ġust fis-setturi soċjali kollha, partikularment sal-familji li jgħixu bil-paga minima jew ftit aktar mil-paga minima.




F'din il-kategorija hemm familji li jabitaw f'residenzi mikrija. Dawn għandhom problema doppja biex jgħixu kwalità ta' ħajja u livell ta' għajxien diċenti. Għandhom l-ewwelnett il-problema ta' prezzijiet ta' prodotti u servizzi essenzjali (li bihom il-persuna tgħix ħajja diċenti kif milħuq fil-pajjiż). It-tieni jridu jlaħħqu mal-kera li qiegħda togħla ħafna u b'mod kontinwu, bla rażan. Mir-rapport tal-Caritas ġie osservat li familji li jħallsu l-kera tar-residenza qegħdin f'riskju akbar ta' faqar ta' 10% aktar minn dawk li huma propjetarji ta' darhom. Dawn s'intendi ma għandhomx il-mezzi biex isiru sidien ta' darhom.

Waqt li bħala għaqda xellugija napprezzaw il-miżuri tal-gvern sabiex tiġi ndirizzata t-theddida tal-faqar, nesiġu li l-Gvern għandu jiffuka aktar fuq dak is-saff ta' familji bil-problema doppja, "paga minima baxxa" flimkien ma' "kera għolja". Biex ma nsemmux il-prezzijiet esaġerati tal-propjetà.

Dan is-saff joħroġ mil-grupp ta' madwar 29,000 familja li jgħixu f'riskju ta' faqar (Rapport Caritas). Eluf minn dan il-grupp jifformaw is-saff tal-problema doppja, fejn għalhekk se nibqgħu nħeġġu l-gvern biex jindirizza n-nuqqasijiet ta' dawn il-familji.

Is-suġġeriment li qed jagħmlu ħafna għaqdiet li tiżdied gradwalment (fuq medda ta' snin) il-paga minima nazzjonali huwa pass 'il quddiem, li aħna naqblu bi sħiħ. Imma mportanti li magħha tiġi ndirizzata l-problema tal-kiri ta' propjetà. Is-sigurtà li jkollok saqaf fuq rasek fost l-kerrejja bil-paga minima dagħbet, dment li l-prezz tal-kera jibqa jogħla.

Fl-aħħar snin il-kirjiet kummerċjali rduppjaw għal iżjed minn €600 fix-xahar fl-inħawi tal-Qawra u Gżira. F'B'kara u Ħ'Attard għoliet b'madwar 70%. Fiż-żona ta' Msida/Swatar għolew ftit iktar minn dawk ta' B'kara, għax bdew jinkrew minn residenti barranin li qed jaħdmu fostna f'setturi li jħallsu ħafna fosthom dak ta' E-Gaming, I.T etċ.

Familja b'paga minima ta inqas minn €700 fix-xahar, li qiegħda tħallas nofs il-paga f'kera, ma tistax tgawdi livell ta' għajxien diċenti, mhux l-istess jista' jingħad ma' oħrajn li għandhom paga medja u 'l fuq. Għalhekk kienet soċjalment inġusta l-miżura ta' tnaqqis fit-taxxa (minn 35% għal 25%) lil dawk komdi fis-soċjetà.

Kollox jindika li l-kera qegħda tgħola b'riżultat ta' spekulazzjoni fil-prezzijiet li jinċentiva dan wkoll it-tkabbir fl-ekonomija nazzjonali. Minħabba dan l-iżbilanċ, il-familji bil-paga minima m'humiex jkollhom aċċess xieraq għal sehem raġonevoli ta' għajxien diċenti, li ntlaħaq ġeneralment fil-pajjiż.

Allura l-aħjar prekawzjoni kontra dan il-faqar, hija miżuri sabiex jitrazzan l-għoli esaġerat fil-prezz tal-kera. Żminijietna taqbel ma' skema ta' social housing, fejn il-propjetà tinkera b'mod issussidjat lil min hu fil-bżonn, imma li tibqa' tal-istat u mhux tinbiegħ.

Għal dak li hu mmedjat, Żminijietna tappella għal żieda fil-paga minima nazzjonali, aktar miżuri kontra x-xogħol prekarju, u li l-gvern jgħin bi "skema ta' allowance" raġonevoli lill-familji bil-paga minima li qed jikru.

Il-familji għandhom jiġu megħjuna biex it-tfal tagħhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà f'dik li hi kultura, dixxiplini sportivi, drama etċ. L-istess għandu jingħad għall-immigranti f'Malta li s-sitwazzjoni tagħhom f'pajjiżna hija ferm aktar akuta.

# L-intellettwali tax-xellug

**MARK MONTEBELLO**

Ix-xellug ma jagħmilx differenza bejn intellettwali u attivisti. Għallanqas mhux teoretikament. Kull attivist hu intellettwali u kull intellettwali attivist. Iżda fil-prattika l-affarijiet mhux dejjem ikunu daqshekk ovvji. Illum issib ferq xi ftit jew wisq pronunzjat bejn it-tnejn. Issib dawk li jissejħu (jew isejħu lilhom infushom) intellettwali xellugin mingħajr ma jkollhom jew għandhom kuntatt biżżejjed mal-bażi, u ssib, minnaħa l-oħra, attivisti jew nies li jqisu lilhom infushom xellugin li, għalkemm għandhom dan il-kuntatt, il-kunċetti intellettwali li bihom jaqraw u jinterpretaw ir-realtà huma nieqsa minn kategoriji tal-ħsieb xellugi u, bosta drabi, saħansitra difettużi fihom.

In-nies li x-xellugin isejħu 'intellettwali' mhux bilfors ikunu biss minn dawk li għandhom gradi akkademiċi, jagħmlu rriċerka, jiktbu l-kotba jew jitkellmu minn fuq il-podji. Jista' jkun li dawn ukoll; iżda mhux biss. L-intellettwali xellugin huma dawk kollha li, bl-iskola jew mingħajrha, għandhom ilħila jaqraw u jinterpretaw ir-realtà storika ta' madwarhom minn ċertu lat, jiġifieri mill-punto di vista tal-magħkus, il-mirfus, l-imwarrab, il-misruq u żżarmat; mil-lat ta' dawk li ma jistgħux (għax ma jitħallewx) ikunu sidien tal-mezzi tal-produzzjoni tal-identità tagħhom, tal-ferħ tagħhom, talġejjieni tagħhom, tal-ħin tagħhom, ta' xogħolhom u ta' ħajjithom.

Biex bniedem ikollu l-ħila jagħmel dan, jiġifieri li jaqra u jinterpreta r-realtà storika minn dan il-lat u minn dan il-punto di vista, irid, kważi kważi bilfors, ikun mgħaddas fil-fond u involut mill-qrib mal-esperjenza konkreta ta' dawn in-nies 'żgħar' li semmejt (ta' identità imposta, ta' ferħ iddelineat u l-bqija). Ngħid 'kważi kważi bilfors' għax, blakkademja biss, jiġifieri bl-istudju u r-riċerka, jew aħjar, bil-moħħ biss, b'mod astratt, bniedem ma jasal qatt biex jibda għallanqas iħoss xi ftit f'laħmu u f'ġildu, biex ngħid hekk, dak li jħossu dawn iż-'żgħar'. (Insejħilhom 'żgħar' għax huma parti mill-klassi ta' dawk ta' bla setgħa; żgħar fis-setgħa, jekk trid.) Ngħidu aħna, bniedem jista' jifhem perfettament x'inhu l-ġuħ, imma ma jistax ikun jaf x'inhu sakemm ikun bil-ġuħ mingħajr possibbiltà li jitrejjaq.




Għalhekk, l-aktar karatteristika bażika tal-intellettwali xellugi hija l-esperjenza konkreta u personali tal-oppressjoni. Iżda mhux weħidha. L-esperjenza biss ma tagħmlux intellettwali. Magħha jrid ikollha l-għodod intellettwali jew mentali li bihom issir l-interpretazzjoni jew il-qari ta' dik l-esperjenza. Hija din li tagħti lill-individwu xxejra xellugija tiegħu. Għax dawn l-għodod ikunu tali li għandhom il-ħila jiflu l-fasla soċjali biex jiskopru fihom l-għeruq strutturali tal-oppressjoni.

Ħafna jifhmu l-produzzjoni intellettwali bħala dak li jagħmlu individwi mixħutin għar-riċerka u l-istudju. Dan jista' jkun minnu, imma mhuwiex il-produzzjoni intellettwali xellugi. Għax ilproduzzjoni intellettwali xellugi jsir b'mod kollettiv. Mhuwiex ħidma purament mentali, maqtugħa mill-esperjenza konkreta kollettiva. Għax-xellugi, il-produzzjoni intellettwali huwa r-riżultat ta' riflessjoni ta' nies li jagħarfu u janalizzaw l-istrutturi ta' oppressjoni f'ħajjithom, u flimkien jiskopru d-dinamika tal-bidla.

Għax-xellug, kull persuna, ta' skola jew le, litterata jew le, li tagħraf l-istrutturi li bihom ħajjitha u ħajjet ħaddieħor hija oppressa, u tagħraf il-mekkaniżmu tal-bidla, hija intellettwali. Dan għaliex qed tintellettwalizza - jiġifieri, qed tikkunċettwalizza mentalment ir-realtà materjali u storika. Għax-xellug, intellettwali 'tal-iskrivanija' biss mhuwiex intellettwali. Huwa travestiment jew, jekk trid, intellettwali lemini li jilagħba ta' xellugi.

L-intellettwali xellugi mhuwiex sempliċiment dak li kapaċi jilmaħ u xi ftit jew wisq jartikola oqsma ta' inġustizzji jew korruzzi madwaru. Lanqas ma huwa dak li sempliċiment kapaċi jitkellem fuq l-inġustizzji jew fuq l-ideali talġustizzja. Bniedem bħal dan, possibbilment intelliġenti u bravu kemm trid, bosta drabi ssibu merfugħ mill-esperjenza konkreta ta' nies li jinsabu maqbudin fi strutturi oppressi, kif ukoll maqtugħ mill-bejta li fiha titnissel u titwieled il-bidla strutturali. Hu bniedem parti millproblema u mhux mis-soluzzjoni. Bil-mod tiegħu, huwa kontributur għall-konservazzjoni u l-perpetwità tal-istrutturi oppressivi. Dan hu l'-hemm ta' ħafna nies ta' rieda tajba u umanitaristi, inkluż il-biċċa l-kbira tan-nies tal-Knisja, li jgħidu li jħobbu lill'fqar'.

Bniedem intellettwali xellugi huwa attivament u personalment impenjat ma' oħrajn li huma strutturalment oppressi sabiex flimkien joħolqu minnhom infushom sidien ġodda tal-mezzi tal-produzzjoni tal-identità, ilferħ, il-ġejjieni, il-ħin, ix-xogħol u l-ħajja tagħhom stess; sabiex joħolqu flimkien strutturi ġodda li fihom is-sidien tal-mezzi tal-produzzjoni jkunu huma stess, mhux ħaddieħor li jrid jisfruttahom. Għaldaqstant, l-esperjenza konkreta mhijiex xi żieda illustrattiva tal-ħidma intellettwali, iżda bil-kontra: il-ħidma intellettwali hija espressjoni tal-esperjenza storika u materjali konkreta.

Bil-kontra tal-lemin (li jofroq bejn l-intellettwali u l' mhux-intellettwali), ix-xellug għandu intellettwali biss. Għax hawnhekk kull persuna msieħba fl-impenn tal-bidla hija konxja tagħha nnifisha bħala ħlieqa fi ħdan klassi ta' nies li huma mkasbra minħabba strutturi oppressi, u li hija wkoll konxja tal-proċess tal-bidla li tħaddnu l-istess strutturi.

## "L-aċċess għandu jkun wieħed permanenti" – *Żminijietna – Lehen ix-Xellug*

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tesprimi sodisfazzjon għalfatt li l-kwistjoni tal-kosta f'Manoel Island tidher li ġiet riżolta darba għal dejjem, fejn il-poplu reġa ħa lura bi dritt l-aċċess għall-kosta.

Minn naħa l-oħra, Żminijietna tinsab imħassba li l-awtoritajiet kompetenti ħadu daqshekk żmien biex jissalvagwardjaw dan id-dritt. Kien għalhekk li appoġġajna bi sħiħ l-azzjonijiet li ħadu l-attivisti mil-Kamp Emergenza Ambjent, ta' azzjonijiet radikali. Kif ukoll tfaħħar l-inizzjattiva li ħa s-Sindku tal-Gzira li ħadem bi sħiħ sabiex il-poplu Malti jingħata lura t-tgawdija tal-Kosta, li finalment wassal biex il-Kunsill jingħaqad b'mod unanimu wara Sindku.

Żminijietna tesiġi li l-Awtoritá tal-Ippjanar għandha tassigura li l-aċċess għall-kosta jkun wieħed permanenti, u kwalunkwe sanzjonar kif qed jiġi ssuġġerit mil-iżviluppatur m'għandux jċaħħad jew jostakola dan id-dritt. Żminijietna taqbel wkoll mal-Alternattiva Demokratika, li jfisser li għandu jsir reviżjoni tal-pjan għall-Manoel Island sabiex iż-żona tinbidel f'post ta' rikreazzjoni u park nazzjonali.

Żminijietna tappoġġja wkoll ir-riżoluzzjoni li għadda l-Kunsill ta' tas-Sliema bl-impenn tiegħu sabiex il-Kosta ta' Tigne wkoll titgawda kollha kemm hi mil-pubbliku.

Għalhekk nħeġġu Kunsilli Lokali oħra biex jieħdu l-inizjattiva u jaħdmu f'dan ir-rigward. Jidher li hawn moviment favur il-protezzjoni tal-Kosta u l-ġid komuni.

*Editorjal*

# Il-Priministru Malti jippreferi Konservattiv fuq Laburist.

Dan l-aħħar qrajna li l-kap tal-Moviment Laburista Joe Muscat jippreferi lil May, kap tal-partit konservativ u kapitalista fuq Jeremy Corbyn, kap tal-Partit Laburista Ingliż. Ħafna partiti laburisti u soċjal demokratiċi beżgħu, insew l-idejoloġija, u ħadnu ma' qalbhom l-politika ekonomika neo-liberali u emmnu l-istqarrija Amerikana "it is the economy stupid".

Imma l-ekonomija neo-liberali malajr bdiet tiskossja u tfalli. Għalhekk dawn il-gvernijiet daħlu l-awsterità, billi pproteġew lill-banek u l-għonja u sawwtu lill-ħaddiem, lill-pensjonant u lill-foqra. Dan għamluh billi taw l-eluf ta sensji, naqqsu l-pagi u l-pensjonijiet u ħadu ħafna miżuri anti-soċjali oħra, bħal privatizazzjoni ta' servizzi pubbliċi, kif ġara fi Spanja, il-Portugall u ħafna oħra.

Muscat huwa ffortunat li l-ekonomija Maltija għadha bla skossi. Kif jgħidu l-ekonomija qed tkompli tikber. Wieħed jistaqsi jekk kemm il-ġid qed jinqasam b'mod ġust, u jekk hux l-ekonomija Maltija hiex ibbażata fuq xogħol prekarju u pagi baxxi?

Corbyn, bħal Bernie Sanders fl-Istati Uniti, ressaq lejn is-soċjaliżmu, mijiet ta' eluf ta' żgħażagħ u nies oħra. Huma ċampjins tal-ġlieda li saret globali, kontra l-awsterità u l-privatizazzjoni, kontra u l-ħniżrijiet l-oħra tal-kaptal, inkluż tax havens, l-evażjoni tat-taxxa u sfruttament ta' ħaddiema.

Ix-xellug malti ma jifhimx kif muscat m'għandux simpatija ma din il-ġlieda u jippeferi lil May. Għalhekkk jistenna lill-kap laburista malti jispjega għala din il-preferenza tiegħu.

Kif qal kommentatur Ingliż "l-kapitaliżmu modern għandu bżonn għadu. Dan hu Jeremy Corbyn." Il-Kummentur kompla qal li r-rebħa ta' Corbyn bħala kap tal-partit Laburista hija riflessjoni ta' l-inkwiet dejjem jikber kontra sistema mhux ugwali.

Corbyn sar mexxej. Kull min ikkontestah jew ħadha kontrih, naqas illi juri li huwa differenti mil-konservattivi.

Nissuġġerixxi lil Muscat jara l-video "The killings of TonyBlair", jaqra u jistudja l-ktieb li ħa dinja 'by storm' ta' Thomas Piketty "CAPITAL in the 21st century". Forsi huwa wkoll isir ċampjin tal-ġlieda kontra l-awsterità u l-kapitaliżmu.


## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-hidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**


# Seminar ta' Ġurnata mil-*GWU Youths*

# Ix-Xogħol Prekarju jwassal għall-Faqar

Il-United Nations (UN) fil-Jum Internazzjonali għaż-Żgħażagħ 2016, li seħħ fit-tnax t'Awissu 2016, għażlet bħala tema "The Road to 2030: Eradicating Poverty and Achieving Sustainable Consumption and Production". Il-UN tinnota li "ir-rwol prinċipali taż-żgħażagħ li jaraw li l-faqar jiġi meqrud u li jkun hemm żvilupp sostenibli fil-qasam tal-konsum sostenibli u produzjoni". (United Nations, 2016)




Il-Public Service International (PSI) , Segretarju Ġenerali, Rosa Pavanelli qalet illi "Illum -il ġurnata d-dinja globalizata tiproduċi xogħol prekarju, żieda fil-qgħad u fl-inugwaljanza li qedgħa taffetwa liż-żgħażagħ. L-inċertezza li l-ħaddiema żgħażagħ qedgħin jaffaċjaw qedgħa tkun ta ostaklu għall-iżvilupp tal-professjonalita tagħhom u tal-ħajja personali. Huma qed ikollhom ftit ċansijiet għal ħajja diċenti minħabba li ħafna minnhom jaffaċjaw futur b'xogħol prekarju, jew agħar minn hekk, jispiċċaw bla xogħol".

Caritas Malta din is-sena ippreżentat il-konklużjonijiet tagħha permezz ta' studju intitolat " Baġit minimu essenzjali għal għajxien deċenti ". L-għan ta' dan l-istudju kien li jiġi stabbilit baġit minimu essenzjali għal għajxien deċenti. L-istudju bbaża l-estimi tiegħu fuq il-familji bit-tfal li jgħixu fuq il-paga minima, li jirċievu in-work benefits kif ukoll allowances u benefiċċji oħra.

Il-General Workers' Union (GWU) u l-GWU – Youths ħadmu kontinwament kontra l-impjieg prekarju li finalment iwassal għall-faqar u l-inugwaljanza bejn il-ħaddiema. Fid -dawl ta' dan kollu , il-GWU-Kumitatt Opportunitajiet Indaqs u l -GWU - Youths ser jorganizzaw seminar ta' nofs ta' nhar rigward is-suġġett hawn imsemmi. Is-seminar huwa ser isir nhar il-Ħamis 20 t'Ottubru 2016, mid-09:00 sas-14:00, ġewwa l-GWU, Workers' Memorial Building, Triq in-Nofsinhar, Valletta.

Għal dan is-seminar ser ikunu mistiedna membri politiċi kif ukoll membri oħra minn organizzazjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan is-suġġett. Dan is-seminar ser ikun miftuħ għal publiku ġenerali, għaqdiet volontarji u organizzazjonijiet oħra. Id-dħul ser ikun b'xejn għal dawk kollha li jixtieq jipparteċipaw. Aktar informazzjoni ser tinsab fuq il-FaceBook Page tagħna fuq General Workers' Union – Youths.

***Kendrick Bondin***
***Segretarju***
***GWU - Youths***

# L-isfruttament tal-Ħaddiema!!

*Marcel Gomez jagħti l-veduti tiegħu fuq din il-kwistjoni.........*

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tappoġġja l-ħidma li qed jagħmlu diversi organizazzjonijiet f'Malta biex jippromwovu prodotti tal-Kummerċ Ġust. Il-Kummerċ Ġust jaħdem biex joħloq sistema ta' produzzjoni fejn il-pagi u l-kundizzjonijiet jkunu ġusti, u l-ambjent jiġi ssalvagwardjat, il-bogħod mis-sistema kapitalista li ngħixu fiha aħna llum, li hija ħafna bbażata fuq sfruttament tal-ħaddiema u riżorsi naturali. Is-sistema tal-Kummerċ Ġust hija msejsa ħafna fuq Koperattivi tal-bdiewa, ħaddiema etċ.

**X'inhi l-ħidma tal-Organiz- azzjoni tagħkom fil-Brażil?**

Marcel Gomez qal li "l-organizazzjoni li jaħdem magħha jisimha *"Reporte de Brasil"*, u ġiet imwaqqfa fl-2001. Ħafna minna huma ġurnalisti, imma mhux kollha jaħdmu bħala ġurnalisti. Hemm minn jorganizza workshops dwar drittijiet tal-bniedem; advocacy actions etċ. L-għan tal-organizazzjoni hu li tiġbor informazzjoni dwar id-drittijiet tal-ħaddiema fil-Brażil. Kif ukoll informazzjoni dwar il-qagħda tal-ambjent fil-Brażil, speċjalment fuq l-impatt li qed jħallu diversi setturi fosthom dak agrikolu, tal-kostruzzjoni, biofjuwil etċ. Riċenti l-organiz-azzjoni ħadmet fuq dokumentarju dwar il-bini ta' diga fir-reġjun tal-Amazon. Fid-dokumentarju ndirizzajna l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema li qed jaħdmu fuq dan il-proġett u l-impatt mil-iżvilupp ta' din id-diga fuq l-ambjent naturali, l-ilma u l-komunitajiet tal-madwar li jinkludi bdiewa u komunitajiet Indiġeni. Qed naħdmu wkoll fuq riċerka dwar l-impatt li tħalli fuq l-ambjent l-industrija agrikola u dik tal-agro-business fil-Brażil.

Kompla jgħid li l-Brażil huwa wieħed mil-ikbar produtturi u esportaturi ta' ċereali, kaffe, qamħ u biofjuwil; u t-tieni l-ikbar fil-qasam ta' *soya bean*. Il-Brażil jesporta wkoll f'ammonti kbar il-qoton, tiġieġ, laħam etċ. Fl-industrija agrikola qed nistħarrġu l-kundizzjonijiet miżeri li jitħaddmu bihom il-ħaddiema f'dan is-settur, apparti l-impatt fuq l-ambjent naturali. Meta tikkompara setturi oħra tal-ekonomija ma' dan is-settur issib li dan is-settur jinkorpora fih l-agħar kundizzjonijiet tax-xogħol; b'pagi baxxi u kundizzjonijiet miżeri ħafna.

Wieħed mil-oqsma li fih insibu abbuż kbir fil-Brażil hu l-qasam tal-produzzjoni tal-lariġ. Brażil, biss biss tipproduċi 8% tal-ammont globali. Preżentament qed naħdmu fuq dan is-settur. Tajjeb ngħidu li kumpaniji Brażiljani jikkontrollaw wkoll il-produzzjoni tal-lariġ f'pajjiżi oħra fid-dinja, fosthom dawk ġewwa Florida, fl-Amerika. Dana jfisser li l-Brażil jilgħab parti ntegrali fil-produzzjoni tal-lariġ fuq livell globali.

Marcel saħaq li sa 2007, l-organizazzjoni irnexxilha tikxef 13 il-każ ta' skjavitu; fejn f'din l-operazzjoni ġew meħlusa minn kundizzjonijiet miżeri ma' tlett mitt ħaddiem.

**X'nazzjonalitá kienu l-ħaddiema?**

Il-ħaddiema kienu fil-maġġor parti Brażiljani li kienu ġejjin miż-żoni l-foqra tal-Brażil; kif ukoll immigranti mil-Amerika Latina. F'dan is-settur ħdimna sabiex jiddaħħlu liġijiet ġodda sabiex il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema jitjiebu. Infatti l-organizazzjoni li jien naħdem fiha hija msieħba fl-'anti slavery pact'; patt ta' ftehim kummerċjali li jinkludi fih ma' 400 kumpanija. Dan il-patt daħal fis-seħħ fil-Brażil fl-2005, bil-kollaborazzjoni ta' ILO li hija aġenzija tal-Ġnus Magħquda. Fiha hemm imsieħba diversi organizazzjonijiet, fosthom tagħna, u assoċjazzjonijiet mil-qasam tal-kummerċ. Fost il-kumpaniji li ffirmaw il-ftehim, hemm anke dawk transnazzjonali.

Tajjeb ngħidu li dawk li jiffirmaw il-patt jridu jeserċitaw trasparenza sħiħa fl-operat tagħhom. Sa llum l-industrija tal-lariġ għada ma aċċettatx li tissieħeb f'dan il-ftehim. Huma tlett kumpaniji li jikkontrollaw il-maġġoranza tal-produzzjoni tal-lariġ fil-Brażil, tnejn Brażiljani u l-oħra Franċiża.

**Għalfejn taħseb li ma riedux li jiffirmaw il-ftehim?**

Il-kundizzjonijiet li jitħaddmu bihom il-ħaddiema f'dan is-settur huma koroh immens fejn ħafna ħaddiema qed jgħixu ġo rziezet tat-tiġieġ li nbidlu fi speċi ta' akkomodazzjoni, mingħajr ebda sanitá u iġene; il-pagi huma ferm baxxi, inqas ferm mil-paga minima nazzjonali. Bil-liġi suppost ħaddiem fil-Brazil jista' jaħdem sa massimu ta 44 siegħa fil-ġimgħa. Fil-maġġor parti fejn hemm l-iskjavitu l-ħaddiema jispiċċaw jaħdmu ma' 60 siegħa fil-ġimgħa jew anke aktar. Problema ikbar hija li l-ħaddiema fil-maġġor parti tagħhom huma midjunin ma' diversi mprendituri li jissupplixxuhom bl-ikel u l-bżonnijiet oħra ta' kuljum, peress li fil-post fejn jaħdmu u jgħixu ma hemmx ħwienet minn fejn tixtri. Il-prezzijiet li jbiegħulhom huma ferm għola meta tikkomparahom mal-paga. Allura dawn qed jispiċċaw jiddejnu mal-istess imprendituri, li b'hekk il-ħaddiem jispiċċa ma jistax jeħles mil-kundizzjonijiet miżeri li jinsab fihom, minħabba l-istess dejn, dejn li qed dejjem jiżdied u li jrid jitħallas.

**X'qed jagħmlu l-Awtoritajiet Brażiljani biex jitjiebu l-kundizzjonijiet?**

L-ispezzjonijiet u l-infurzar tal-liġijiet tax-xogħol jaqgħu f'idejn il-Gvern Ċentrali. Fil-Brażil għandna grupp ta' spetturi li llum ilaħħaq l-eluf li qegħdin hemm biex jinforzaw u jaraw li l-liġijiet tax-xogħol qed jiġu rispettati. Ta' kull sena dawn jżuru diversi postijiet tax-xogħol, fosthom anke dawk li jipproduċu l-lariġ. Fil-maġġor tal-każi jinstab li hemm problemi kbar relatati mal-kundizzjoijiet tal-ħaddiema. F'ħafna mil-każijiet jsir titjib. Imma fil-produzzjoni tal-lariġ għad hemm problemi kbar, u għalhekk qegħdin hawn illum sabiex nagħmlu pressjoni fuq imprendituri Ewropej li qed jimportaw lariġ proċessat mil-Brażil biex jagħtu każ dawn l-affarijiet.

Aħna qed ngħidu lill-imprendituri u kumpaniji Ewropej biex huma wkoll jagħmlu pressjoni flimkien magħna sabiex kumpaniji fil-produzzjoni tal-lariġ fil-Brażil jiffirmaw l-'anti-slavery pact'. Dan l-aħħar konna Ċipru, pajjiż li jipproduċi ammont kbir ta' lariġ, imma, mhux biżżejjed biex jlaħħaq mad-domanda li teħtieġ il-produzzjoni lokali u barranija, li għalhekk jkollhom jimpurtaw l-materja prima minn barra, fosthom mil-Brażil. F'Ċipru għamilna l-istess ħaġa, fejn hemmhekk għamilna pressjoni fuq il-kumpaniji li qed jimportaw mil-Brażil.

**X'kienet ir-risposta?**

Il-kwistjoni hi kumplessa. Imma sibna li fin-naħa t'isfel tal-Ewropa, jidher mir-riċerka li għandna f'idejna sa llum, li kemm l-imprendituri, kif ukoll il-konsumaturi ftit li xejn jimpurtahom minn taħt liema kundizzjonijiet tax-xogħol ġej dan il-prodott, anke l-impatt ta' kif jiġi mmanifatturat dan il-prodott fuq l-ambjent. Bil-kontra fin-naħa ta' fuq tal-Ewropa hemm iktar kuxjenza f'dak li hu it-tip ta' konsum. Fin-naħa ta' fuq tal-Ewropa jeżisti moviment tal-kummerċ ġust ferm aktar b'saħħtu, anke l-moviment li jaħdem fl-interess tal-konsumaturi huwa ferm attiv, fuq diversi materji, fosthom dawn il-kwistjonijiet.

S'intendi setturi oħra fejn għad hemm sfruttament fil-Brażil huwa dak ta' l-agro-business, qed nitkellmu fuq il-produzzjoni tal-laħam, fejn f'dan l-aħħar tnax 'il sena nħelsu minn aktar minn 11,000 il-ħaddiem minn kundizzjonijiet ta' sfruttament. Illum qed jaħdmu b'kundizzjonijiet aħjar. B'kollox meta jingħad is-snin li ilna mwaqqfa ma' 50,000 ħaddiem gawdew minn din il-ħidma. Bl-akbar ammont ikun fis-settur tat-trobbija tal-annimali (cattle ranches), issegwi l-industrija tal-faħam u l-aħħar l-industrija ta' deforestazzjoni li taħdem fil-maġġor parti illegalment, industrija li wkoll qed twassal għal qerda tal-Amazon. Il-ħaddiema fl-industrija ta' deforestazzjoni jitħaddmu taħt sistema ta' 'hire and fire'.

**Ikompli f'paġna 5**

# *"Il-prekarjetá fix-xogħol hija fenomenu ġdid, fejn il-ħaddiem m'għandux sigurtá ta' xogħol, li allura tkompli tiggrava s-sitwazzjoni għax il-ħaddiem jitħaddem għall-perjodu temporanju,".*

**X'inhi relazzjoni bejn l-organizazzjoni tagħkom u l-Gvern?**

Aħna niffurmaw parti mil-Kummissjoni Nazzjonali Kontra l-Iskjavitu tal-Ħaddiema - 'Anti-Slave Labour'. Fuq din il-Kummissjoni għandna siġġu. Ħafna dipartimenti tal-Gvern huma wkoll rappreżentati fuq din il-Kummissjoni, li tinkludi wkoll għaqdiet mis-soċjetá ċivili, trejdjunjins u anke għaqdiet tal-kummerċ.




Fuq din il-Kummissjoni niddiskutu flimkien fuq policies ġodda biex niġġieldu din il-problema ta' sfruttament tal-ħaddiema. Nista' ngħid li għandna relazzjoni tajba mal-Ministru tax-Xogħol, imma mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tal-Ministru tal-Agrikoltura, li hu aktar "pro business".

Kompla jgħid li l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema hija kwistjoni nazzjonali. Is-sistema perse, biex jiġi miġġieled l-iskjavitu taħdem tajjeb kemm mil-lat legali u anke ġudizzjarju. S'intendi dejjem hemm x'tagħmel biex ittejjeb is-sistema preżenti, fosthom hemm bżonn ta' aktar prosekuturi u spetturi għall-infurzar tal-liġi.



**Għamlet differenza fil-ħidma tagħkom, il-fatt li tmexxija tal-pajjiż hija f'idejn tmexxija xellugija?**

Fi 90'ijiet it-tmexxija tal-pajjiż kienet f'idejn gvern ċentru lemini li jħaddan politika ekonomika neoliberali, Il-President Fernando Henrique Cardoso (1995-2002). Biex ngħidu kollox kien hu li ntroduċa fil-pajjiż sistema ta' spetturi sabiex jiġi miġġieled l-iskjavitu, għalkemm tajjeb ngħidu li n-numru ta' spetturi taħtu kien ftit. Meta telgħa l-President Xellugi Lula Da Silva (2003-2010), in-numru ta' spetturi żdied drastikament, kif ukoll l-ispezzjonijiet saru aktar frekwenti. Lula anke appoġġja l-ħolqien tal-'Anti-Slave Pact" kemm politikament, kif ukoll fuq bażi personali, sa anke kien jattendi diskussjonijiet fuq din il-materja biex jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu.

**Fil-Brażil teżisti talba sabiex tiżdied il-paga minima nazzjonali?**

Il-paga minima nazzjonali fil-Brażil hi madwar 200 ewro fix-xahar. S'intendi din mhux biżżejjed biex familja tgħix diċenti. Diversi organizazzjonijiet mis-soċjetá ċivili qed jitolbu sabiex jkun hemm żieda. Sa llum l-uniku żieda hi dik li tingħata biex tagħmel tajjeb għal għoli tal-ħajja. Fis-settur agrikolu ċertu ħaddiema jitħallsu anqas mil-paga minima nazzjonali, sa anke 60% anqas. Fl-industrija tal-produzzjoni tal-larinġ 78% tal-ħaddiema jaħdmu wkoll fuq bażi temporanja, fejn ix-xogħol jiddependi ħafna mil-istaġun tal-ħsad, meta jiġi lwaqt biex jinqata' l-larinġ. Il-prekarjetá fix-xogħol hija fenomenu ġdid, fejn il-ħaddiem m'għandux sigurtá ta' xogħol, li allura tkompli tiggrava s-sitwazzjoni għax il-ħaddiem jitħaddem għall-perjodu temporanju. Li jwassal biex l-impjieg ma jkunx wieħed regolari, il-pagi jibqgħu baxxi u ftit li xejn jkun hemm titjib fl-impjieg, li jwassal biex il-ħaddiem jgħix f'riskju ta' faqar. Huwa mod ġdid ta' sfruttament, li qisu ġie aċċettat.

**Nitkellmu naqra fuq l-ambjent, x'inhi sitwazzjoni llum tal-ilma fil-Brażil, meta għandek ekonomija li tibbaża ħafna fuq produzzjoni tal-ikel agrikolu, frott, ċereali, biofjuwil etċ?**

Żgur li għandna problema ta' nixfa fil-Brażil, speċjalment f'diversi regjuni tal-pajjiż, fosthom f'San Paolo fejn ċertu xmajjar hemmhekk qed jinxfu. Sa llum m'għandniex data u nformazzjoni ċara dwar l-impatt mil-pestiċida fuq l-ilma tal-pjan u xmajjar, meta lkoll nafu li l-pajjiż huwa ntensiv f'dik li hi użu tal-ilma u produzzjoni agrikola. L-industrija tal-larinġ tuża ħafna pestiċida, l-istess l-industrija tal-qoton u 'soya bean'. L-ispezzjonijiet u l-infurzar sa llum jsir l-aktar fuq il-qasam tax-xogħol li naraw li l-ħaddiema jilbsu ilbies protettiv etċ..

**Kif tħares lejn il-futur tal-Brażil f'dawn l-oqsma li tkellimna fuqhom matul din l-intevista?**

Kif jgħidu il-Brażil jissuplixxi lid-dinja b'erbgħa 'F's li huma (Food, Fuel, Fiber and Feed). L-agro-business fil-pajjiż huwa b'saħħtu ħafna. Żgur li rridu nkomplu naħdmu biex niggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, b'impatt minimu fuq l-ambjent.

Jkun tajjeb li kumpaniji jaħdmu aktar f'din id-direzzjoni, imma sfortunatament mhux qed isir hekk. Irridu ndaħħlu aktar liġijiet sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema; ntejbu l-ambjent; aktar trasparenza u aktar kuxjenza fuq din il-materja fuq livell globali, li jinkludi l-konsumatur (dak li jikkonsma), dak li jissuplixxi, l-importatur u finalment anke l-bejjiegħ. Dana sabiex issir pressjoni sabiex jinbidlu l-prattiċi ta' llum fil-qasam tax-xogħol u l-produzzjoni; nersqu aktar lejn ekonomija u kummerċ ġust u ekoloġikament sostenibbli.

(Ritratt nofs juri spetturi ta' nforzar jispezzjonaw post tax-xogħol fil-Brażil. Ritratt isfel juri attivisti mil-Koperattiva Kummerċ Ġust u l-Friends of the Earth Malta jqajjmu kuxjenza ġewwa l-Belt Valletta dwar l-isfruttament ta' ħaddiema minn Kumpaniji Multinazzjonali, bl-Ewropa tagħti dahra fuq din il-materja.)



# Għaxar Snin ta’ Alleanza Liberali.

*John Zammit*
*Alleanza Liberali*
*johnpzammit@gmail.com*

Kien fl-24 ta’ Novembru 2006, ta’ għaxar snin ilu, li jiena John Zammit, wara li Dr. Emmy Bezzina xtaq li ma nkomplux flimkien bl-Alpha Liberal Party, partit li konna waqqafna f’Mejju tal-2004 sabiex noħorġu għall-ewwel elezzjoni tal-Parlament Ewropew li saret ġewwa Malta, ltqajt ma’ Charles Aquilina u oħrajn u hawn iddeċidejna li nwaqqfu l-Alleanza Liberali. Jien diġà kelli uffiċċju fil-Belt Valletta u kien hawn li ltqajna u għamilna statut u ftehmna li nimxu fuq il-politika tal-Liberali Ewropej.



Niftakar wara li tellajna websajt, kienu kkuntattjawna xi barranin li jgħixu Malta, fosthom, Hans-Jorgen Gotsche tal-Partit Liberali Venstre tad-Danimarka li ngħaqad magħna bħala Segretarju Internazzjonali. Kellna membri fil-kumitat eżekuttiv mill-Ingilterra, il-Kanada u l-Iżvezja. L-ewwel Kumitat Eżekuttiv kien iffurmat minn Maltin u barranin.

Konna fassalna statut fejn l-għanijiet kienu li: L-Alleanza hija moviment politiku liberali, demokratiku u progressiv, bil-għan li jġib ‘il quddiem liġijiet u idejat progressivi; jaħdem biex iġib ġustizzja soċjali għall-ħaddiema ż-żgħar, il-batut u l-emarġinati, u jsemma’ l-leħen lil dawk li m’għandhomx leħen, speċjalment dawk imwarrbin mis-soċjetà. L-Alleanza jħaddan valuri patrijottiċi favur Malta. L-għan tagħna huwa li f’Malta jkun hawn stat lajk, fejn jkun hemm separazzjoni fit-tmexxija bejn dik li hi reliġjon u l-politika.

Sadattant peress li jien kont diġà bdejt ħbiberija mal-gruppijiet tal-Liberali ELDR u ALDE ta’ l-Ewropa, kellna ċans fl-2000 nibdew inżuru l-Parlament Ewropew ġewwa Brussel u anke l-Kwartieri Ġenerali tal-Liberali. Il-bdil fl-isem tal-partit għal Alleanza Liberali għen biex nersqu aktar viċin il-Liberali.

Hemmhekk żorna l-Kwartieri tal-Liberali biex nsaħħu l-kollaborazzjoni flimkien u fl-istess ħin nitlob l-appoġġ tagħhom. Ħdimna sabiex bħala Partit nissieħbu mal-Liberali Ewropej, li b’hekk għen biex nkun nista’ nġib l-appoġġ ta’ nies li jaqsmu l-istess idejat bħal tagħna ġewwa Malta. Fil-fatt hekk ġara, fejn dana kollu wassal biex fl-2007 ġie jżurna għall-ewwel darba il-President tal-Liberali - Sir Graham Watson. Iż-żjara kienet waħda uffiċjali bi programm li kien jinkludi fih laqgħa mal-Priministru, li dak iż-żmien kien Dr. Lawrence Gonzi, il-Kap ta’ l-Oppożizzjoni Dr. Alfred Sant u jiena bħala l-mexxej tal-Partit Liberali f’Malta. Minn naħa tagħna waqt il-laqgħat għamilna pressjoni sabiex f’Malta jidħol id-divorzju.

F’Malta ġew diversi uffiċjali oħra mil-Liberali jżuruna. L-istess sar minn naħa tagħna, fejn dawn il-laqgħat wasslu biex nibnu relazzjoni u nżuru l-Liberali ġewwa Brussel, Vjenna, Pariġi, Londra, Moska u pajjiżi oħra.

Barra hekk, lokalment jien ħriġt għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew fl-2009 u l-Elezzjoni Ġenerali Nazzjonali fl-2013, fuq it-tieni u s-sitt distrett, filwaqt li Jean-Pierre Sammut ħareġ għall-elezzjoni tal-Parlament Ewopew tal-2014.

Għamilna diversi kampanji u attivitajiet f’dawn l-aħħar għaxar snin, fosthom il-kampanja biex jiddaħħal id-divorzju f’Malta, li kienet success. L-istess il-kampanja dwar il-gay marriages, li għalkemm qiegħda taħt titlu differenti kienet suċċess.

Għad fadal ħafna liġijiet oħra progressivi x’nimbuttaw ‘il quddiem bħala Partit, li l-kampanja favur tagħhom ma tgħinekx biex iġġib il-voti fosthom l-Abort u l-Ewtanasja.

Huwa veru li bħala Maltin għadna naħsbu b’moħħ li għadu lura, ta’ pajjiż li għadu ddominat mir-reliġjon, minflok kif ngħid jien li naħsbu b’moħħ Ewropew. Il-ħsieb Ewropej ma aċċettax il-kandidatura ta’ Dr. Toni Abela u jidher anke ta’ Leo Brincat, għax il-Gvern Laburista ma għarafx jindirizza b’mod ġust l-kwistjoni li nqagħlet fuq tal-Panama.

Dik hija l-Ewropa, u għalhekk aħna, bħala liberali naqblu li Malta għandha tibqa’ membru fl-Unjoni Ewropeja. Bħala Partit, sakemm nibqgħu neżistu, se nibqgħu ntambru sabiex il-Maltin u l-Għawdxin jibdew jaħsbu aktar b’moħħ Ewropej. Dana jgħinha sabiex immorru aktar ‘il quddiem bħala pajjiż, anke fil-ħsibijiet. L-Ewropa hija magħrufa għall-ħsibijiet progressivi tagħha. Nawgura lill-membri u l-kumitat tat-tmexxija f’għeluq l-għaxar anniversarju ta’ Alleanza Liberali.

*Ritratt juri l-Membri tal-Partit Alleanza f’Konfrenza Stampa ġewwa l-Belt Valletta.*

# Ix-Xellug fl-Ewropa jew jingħaqad jew se jitlef.

Analisti politiċi qed jkomplu jbassru tnaqqis fil-popolarità għall-partiti taċ-ċentru, magħrufa aktar bħala mainstream parties, u minflok qed isiru aktar popolari l-partiti b’politika aktar radikali, li jvarjaw minn dik xellugija fuq naħa u lemin estrem fuq in-naħa l-oħra. Wieħed jistaqsi għalfejn ix-xellug għadu ma sabx it-triq meta l-politika ta’ awsteritá ġabet diżastru fl-Ewropa?

Il-Prim Ministru tal-Greċja Alexis Tsipras ukoll huwa konxju ta’ l-affarijiet li għaddejjin fl-Ewropa. Infatti riċentament Alexis Tsipras saħaq li “l-forzi progressivi u xellugin għandhom jaħdmu flimkien għall-bidla fl-Ewropa. Jekk l-Ewropa ma tinbidilx se tiffaċċja problema ta’ eżistenza”. Kompla jgħid ”li ninsabu f’sitwazzjoni kritika ħafna għal dak li hu futur tal-Ewropa, partikolarment bil-konfrontazzjoni li hi waħda deċisiva, bejn il-gruppi progressivi fuq naħa u dawk konservattivi jew ultra konservattivi fuq in-naħa l-oħra. Importanti li l-forzi progressivi jingħaqdu flimkien. Ilkoll bħala xellugin għandna naħdmu għall-




Ewropa Soċjali u Ekoloġika”.

Diskors bħal dan għandu jqawwi x-xellug li jrid jaħdem aktar sabiex jissaħħaħ, u biex jissaħħaħ irid jingħaqad, inkella se jitlef. Il-forzi progressivi għandhom jaħdmu fuq manifest progressiv għall-Ewropa Oħra, ta’ bidla, li terġa tiżra l-fiduċja fin-nies u li tħares lejn sostenibilitá ambjentali.

Ir-riżultat tal-Elezzjonijiet lokali fil-Ġermanja fejn ix-xellug ħareġ b’saħħtu, u r-rijaffermazzjoni ta’ Jeremy Corbyn bħala mexxej tal-Partit Laburista lkoll huma sinjali li jagħtu kuraġġ lix-xellug. S’intendi dan mhux biżżejjed. Il-bidla ma tiġix waħedha.

L-attakki fuq Jeremy Corbyn m’humiex xi ħaġa ġdida fl-Ewropa. Il-koalizjoni xellugija u radikali SYRIZA wkoll għaddiet minn dawn l-attakki, ta’ biża u tixwix fejn kien qed jingħad li l-partiti b’għeruq xellug radikali mhumiex kapaċi jmexxu pajjiż. Fi Spanja, kemm il-partit PODEMOS, kif ukoll ix-xellug radikali u komunista wkoll qed jiffaċċjaw l-istess ostilitá.

Ta’ eżempju li xellug jista’ jmexxi hu l-Gvern ta’ Tsipras ġewwa l-Greċja, kif ukoll il-koalizjoni fil-gvern ġewwa l-Portugall magħmula miċ-ċentru xellug, xellug radikali, komunista u dak ħodor. Fil-Ġermanja fl-elezzjonijiet li ġejjin jista’ jkun li naraw koalizjoni tax-xellug fil-gvern li tinkludi soċjal demokrazija, ix-xellug radikali/komunista u ħodor. S’intendi dan jista’ jseħħ biss jekk jkun hemm l-għaqda.

Fi Franza ċ-ċentru xellug qed inaqqas mil-popolaritá, u fl-istess waqt ma hemmx alternattiva radikali - xellugija b’saħħitha u magħquda li tista’ ġġib il-bidla, anke jekk teżisti resistenza kbira kontra r-riformi ekonomiċi neoliberali mil-gvern ta’ Hollande.

Wieħed jistenna u jara se tkun ir-risposta tal-forzi xellugin u progressivi fl-Ewropa, kontra l-forzi konservattivi u ultra konservattivi li jinkludi ma’ dan il-lemin estrem.

# Terġa' Tisplodi l-Kwistjoni Soċjali

*Ingram Bondin*

Żewġ ħarġiet ilu ta' Żminijietna kont stqarrejt il-fehma tiegħi li l-Gvern Laburista kien fenomenu tal-Lemin. Dak in-nhar kont qsamt il-biża' tiegħi li n-negozjanti l-kbar kienu sejrin jinqdew b'dan il-Gvern sabiex jakwistaw vantaġġi kbar għalihom infushom, waqt li jidħqu bil-ħaddiema u iżommuhom kwieti waqt li jagħmlu dan kollu.

Kont tkellimt ukoll dwar kif it-tijib fid-drittijiet ċivili aktarx kien biss purtiera tad-duħħan sabiex il-Gvern ikun jista' jilgħabha tal-progressiv waqt li jevita' għal dejjem il-kwistjoni tat-tqassim ġust tal-ġid.

Minn dak iż-żmien l'hawn ġraw bosta affarijiet li fl-opinjoni tiegħi dgħajjfu l-kredibilita' tal-Gvern Laburista, bħall-iskandlu tal-Panama Papers, il-permessi maħruġa għat-Torrijiet ta' Gasan u Tumas, u daħk fil-wiċċ dwar it-tniġġiż tal-ibħra tagħna miż-żlieġ tas-sidien tal-fish farms. Iżda ġara wkoll xi ħaġa li tbeżża' lil Joseph Muscat aktar mill-bard ta' Jannar, għaliex reġgħet sploditlu fil-beraħ il-kwistjoni soċjali.

L-ewwel daqqa ta' ħarta ġiet mir-rapport tal-Caritas, li wera li l-paga minima ma kinitx biżżejjed għal għajxien diċenti. Fuq il-passi ta' dan bdiet tiċċaqlaq l-Alleanza Kontra l-Faqar ta' Charles Miceli, li bdiet issejjaħ għal żieda fil-paga minima nazzjonali, flimkien ma' ħafna oħrajn. Ftit wara dan, Yana Mintoff Bland għamlet talba sabiex jiġi kontrollat l-għoli tal-kirjiet f'isem il-Forum Komunita' Bormliża.

Dan kollu huwa xejn anqas minn ħmar il-lejl għal Joseph Muscat. Lanqas laħqet nixfet il-linka fuq il-gazzetti li ġabu dawn iż-żewġ aħbarijiet li ma fittixx li joqtolhom f'ġufhom.

Beda bis-soltu kantaliena, li ma nistgħux nikkontrollaw is-suq ħieles. Tgħid qed jgħid li ma jistax biex jidħaq bin-nies? Għaliex fil-verita' nemmen li ma jridx, u mhux ma jistax.

Ma jridx għaliex dawk li jħaddmu bil-paga minima, is-suppost sħab tal-ħaddiema fil-Moviment Bla Isem, iridu



jibqgħu iħaddmu bil-pagi tal-ġuħ sabiex ħadd ma jnaqqar il-profitti tagħhom? Ma jridx sabiex jintogħġob mas-sidien tal-kera, li b'hekk ikunu jistgħu jibqgħu jgħollu l-kirjiet u jagħsru dejjem aktar lil min biex jgħix ikollu jaħdem, bil-kontra tagħhom?

Meta Joseph Muscat jgħid li ma jridx, aħna nifhmu li irid ikompli jmexxi l-Gwerra fuq il-pagi, sabiex jaġevola il-profitti u r-renti?

Din id-darba Joseph Muscat lanqas għandu l-iskużi tas-soltu sabiex ma jagħmilx xi ħaġa dwar dawn iż-żewġ problemi. Għal darba mhux ħa twaqqfu l-Ewropa, u lanqas għandu bżonn iżid id-dejn pubbliku biex jirranġa l-affarijiet. Dawn huma żewġ affarijiet li jista' jagħmel mil-lum għal għada billi jgħaddi żewġ liġijiet mill-Parlament, u b'hekk iserraħ lill-dawk li qegħdin fuq in-naħa ta' taħt tas-soċjetá mingħajr aktar dewmien.

Tajjeb li ngħidu li jekk jgħolli l-paga minima sabiex ix-xogħol jibda' irendi, l-ispiża joħrogħa min iħaddem. Mill-banda l-oħra, jekk jirregola l-kirjiet billi ma jħallihomx jogħlew aktar minn ċertu prezz (spekulattiv), dan ikun qiegħed jaqta' l-abbużi mingħajr mal-Gvern joħroġ ewro. Hemm min jgħidlek li jekk tikkontrolla l-kirjiet, is-sidien tal-kera ma jibqgħux jikru. Jekk naslu f'dik l-estremita, allura għandna ndaħħlu it-taxxa fuq il-propjeta' vojta. Maqbudin bejn il-martell u l-inkwina, ma jkollhomx aktar fejn jaħarbu.

Hawnhekk ma nistax ma nsemmix l-aħħar intervent li għamlet il-GWU. Jiddispjaċini ngħid li dak li intqal mill-Unjin jien ma nistax nifhmu. Il-GWU qalet li ma taqbilx maż-żieda fil-paga minima għaliex dan jista' jħarbat xi ftehim kollettiv li tkun innegozjat. Nimmagina li l-Unjin qegħda tirreferi għall-fatt li jekk tiżdied il-paga minima, jista' ikun li xi ħaddiema oħra jibdew jitolbu żieda huma ukoll.

F'dan kollu, jien ma nista' nara l-ebda problema. Żgur li l-iskop ewlieni tal-Unjin huwa t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, u mhux li tgħin sabiex jitwettaq l-iffriżar tal-pagi. Minflok iż-żieda fil-paga minima, l-Unjin trid li l-poplu iħallas sussidju minn butu li jiżdied mal-paga minima kif inhi bħalissa. Hekk ħa nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn il-poplu irid jissussidja lil dawk li iħaddmu b'kundizzjonijiet ħżiena sabiex huma jkunu jistgħu jibqgħu sejrin kif inhuma u ma jħallsux pagi deċenti.

Fuq l-għoli eżaġerat tal-kirjiet l-Unjin qalet l-istess ħaġa. Ma taqbilx li jiġu kontrollati l-kirjiet. Trid li min ma jiflaħx iħallas il-kera jingħata sussidju minn but il-poplu. X'ħa jkun l-effett? L-effett ħa jkun li s-sidien tal-kera jibqgħu jgħollu l-kirjiet, jibilgħu is-sussidju huma, u nerġgħu niġu fejn konna.

Nagħlaq dan l-artiklu billi ngħid li ħadt gost li l-Unjin reġgħet poġġiet fuq il-mejda il-kwistjoni tal-festi Nazzjonali meta dawn jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa. Bit-tibdil li wettaq il-Gvern Nazzjonalista ta' Lawrence Gonzi, is-sidien irnexxielhom jisirqu bejn żewġ u erbgħa ġranet btajjel fis-sena lill-ħaddiema. Dan ifisser li kull sena, il-ħaddiema Maltin qegħdin jaħdmu bejn żewġ u erbgħa ġranet B'XEJN għas-sidien. Nittama li fil-Budget li ġej, dawn jingħataw lura, għalkemm mhux ħa nkun qiegħed inżomm in-nifs.




## Europe's Radical Left;
### *From Marginality to Mainstream?*

Europe's Radical Left; From Marginality to Mainstream? jipprovdi analiżi komprensiva, elogwenti u b'tagħrif importanti fuq il-partiti tax-xellug radikali fl-Ewropa, b'risposta għall-kriżi ekonomika u politika li ixxokkjat l-Ewropa f'dawn l-aħħar snin. Il-Ktieb joħroġ fil-beraħ aspetti mportanti dwar dilemmi li l-politika radikali tax-xellug qed tiffaċċja fir-rigward tal-immigrazzjoni fl-Ewropa, kif ukoll l-esplorazzjoni ta' alleanzi ġodda ma' movimenti soċjali u dawk xellugin.

Il-ktieb ukoll jittratta temi li jqajmu nteress lix-xellug, fosthom għala x-xellug radikali ma' benefikax daqshekk mil-kriżi ekonomika? liema huma l-kwistjonijiet li qed jkomplu joħolqu diviżjonijiet interni fost ix-xellug radikali? u x'inhuma l-prospetti futuri tax-xellug radikali fl-Ewropa?

March u Keith imlew dan il-vojt akkademiku billi ġabru grupp ta' esperti li esploraw fost affarijiet oħra l-impatt elettorali tal-kriżi ekonomika fost diversi partiti tax-xellug radikali fl-Ewropa, il-programm politiku tagħhom; ir-risposta għall-kriżi ekonomika; u l-mod li bih il-kriżi ffurmat b'mod dinamiku l-intern ta' dawn il-partiti u organizzazzjonijiet.

Il-ktieb jagħti waħda mil-aħjar analiżi komprensiva dwar ix-xellug radikali kontemporanju fl-Ewropa sal-lum, li l-istess studju jistabbilixxi aspettazzjonijiet għolja għal aktar studji fil-futur. Il-ktieb għandu jogħġob lil dawk kollha fuq ix-xellug li jħossuhom parti mil-familja tal-moviment xellug radikali fl-Ewropa.

# The Invisible Homeless

*minn Mary Anne Zammit*

Generally when we think of the homeless, our minds immediately drift to the scene of people living in the streets. Conversely, there are other types of homeless who are not sleeping rough but still can be considered as being homeless. Those who fall in this category are individuals staying with relatives and friends on temporary basis, who live in shelters, camps or living in poor quality housing conditions which are detrimental to their health and well being.

Homelessness in European Members States is always on the rise. It has been estimated that between 2008 and 2013 the number of people at risk of poverty or social exclusion in the European Union increased from 117 million to 122.6 million. In 2013 16.7 of the population of the European Union were at risk of poverty and the most affected are women, the elderly and other vulnerable groups.

Fortunately, in Malta we do not encounter this type of homelessness like in other European countries, but this does not mean that there are no homeless. Nevertheless, we still run into individuals living in shelter homes or in other households.

Others at risk are pensioners, individuals with minimum wage or working in precarious jobs who at one point end up unable to keep up with bills and cannot afford to buy houses. Certain circumstances and problems often lead to homelessness such as in the case of substance abuse problems and people coming out of prison. Often times, these individuals are rejected from their families and may have great difficulties in being employed and keeping up a job. Women are also repeatedly at risk of ending up homeless particularly in situations of violence.

what women really need is to live independently in their own household. In fact, the European Federation of National Organization working with the Homeless, FEANTSA and the European Women s' Lobby have issued a factsheet on women and homelessness and to give visibility to gender specific needs by implementing policies which



As is calculated, in the EU 60 % of women cite domestic abuse as one of the causes of homelessness. Women tend to experience homelessness differently from men and in most of the cases their homelessness is often hidden and it is a typical for women to resort to various coping strategies. Often than not these strategies are not always beneficial and they may involve themselves into prostitution, or choose to remain in abusive relationships which do not work.

This is often the case if they are financially dependent on their partners or with low level of education and lack of skills. In most of the cases, women end up living in shelters but

target women.

In addition to this, the European Parliament has repeatedly called for an EU Homeless Strategy and recently a written declaration was launched under Rule 136 of the Parliament s' rules of procedure on an EU homelessness. The written declaration calls for the European Commission to develop a homeless action plan taking into account subsidiary measures, including the monitoring of knowledge development and making full use of relevant EU instruments funding.

FEANTSA also joined the European Parliament and endorsed the Mescerics Report on meeting the Anti Poverty target in the light of increasing costs, at the Committee on Employment and Social Affairs, in the European Parliament.

Amongst the many recommendations, the report recommends and calls the Commission and the Member States to put forward decisive measures on social housing while enhancing efficiency investment in social rental housing through European funds. It also recommends that Member States expand to supply quality housing and guarantee access for all particularly to the most disadvantaged.

Subsequently, it notes that the increasing efficiency, renovation and renewable energy as the key to tackling poverty and that housing renovation policies often fail to target those who are most vulnerable. Also it insists that policies must target poor economically excluded and vulnerable households first and addressing gender inequalities and multiple discrimination.

Therefore, the Commission and the Member States are urged to continue to develop policies addressing the poverty and social exclusion faced by women with disabilities, elderly women, refugee and migrant women and single mothers. It is imperative that these recommendations should be taken into account should we want to address and eradicate poverty. Even so, there is much more to be done, firstly by identifying those invisible homeless and implement policies which address their needs and ensure equality for all.

# UN science report warns of fewer bees, other pollinators....

A United Nations sponsored scientific mega-report warns that too many species of pollinators are nearing extinction. These are bees, butterflies, and more...

Many species of wild bees, butterflies and other critters that pollinate plants are shrinking toward extinction, and the world needs to do something about it before our food supply suffers, a new United Nations scientific mega-report warns.

The 20,000 or so species of pollinators are key to hundreds of billions of dollars' worth of crops each year—from fruits and vegetables to coffee and chocolate. Yet 2 out of 5 species of invertebrate pollinators, such as bees and butterflies, are on the path toward extinction, said the first-of-its-kind report. Pollinators with backbones, such as hummingbirds and bats, are only slightly better off, with 1 in 6 species facing extinction.

"We are in a period of decline and there are going to be increasing consequences," said report lead author Simon Potts, director of the Centre for Agri-Environmental Research at the University of Reading in England.

The trouble is the report can't point to a single villain. Among the culprits: the way farming has changed so there's not enough diversity and wild flowers for pollinators to use as food; pesticide use, including a controversial one, neonicotinoid, that attacks the nervous system; habitat loss to cities; disease, parasites and pathogens; and global warming.

The report is the result of more than two years of work by scientists across the globe who got together under several different U.N. agencies to come up with an assessment of Earth's biodiversity, starting with the pollinators. It's an effort similar to what the United Nations has done with global warming, putting together an encyclopedic report to tell world leaders what's happening and give them options for what can be done.


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

Indirizz:

Emejl:

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***